

**Talbiet tar-rikorrenti**

- Jordna lill-konvenuta tipproduċi l-minuti kollha tal-laqgħat tal-kapipiet tal-unità tal-EPSO u l-proċessi verbali kollha tal-laqgħat tal-Bord tal-Għażla rigward il-kompetizzjoni EPSO/AD/204/10;
- jannulla d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AD/204/10 tat-13 ta' April 2011;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Frar 2012 — ZZ vs Il-Parlament**

(Kawża F-24/12)

(2012/C 138/83)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Tymen u A. Blot, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-deċiżjoni adottata mill-President tal-Parlament Ewropew li tittrasferixxi lir-rikorrenti fi ħdan l-istess direttorat ġenerali tal-Parlament mill-post ta' kap ta' unità għall-post ta' konsulent tad-direttur ta' direktorat u talba għad-danni għal abbuż morali.

**Talbiet tar-rikorrenti**

- Tannulla d-deċiżjoni tal-President tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2012 li temmet, b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2012, il-funzjonijiet tar-rikorrenti bħala kap ta' unità għall-Ugwaljanza u d-Diversità fid-DG tal-Persunal u li tħtasferietha, f'din l-istess data, lejn id-Direttorat D ta' dan l-istess DG bħala konsulent, filwaqt li fl-istess ħin neħħie tilha l-benefiċċju tal-kumpens tal-kapipiet ta' unità;
- tagħti lir-rikorrenti, bħala kumpens għad-dannu subit, id-danni f'ammont stmat *ex aequo et bono* għal EUR 50 000;
- jikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-25/12)

(2012/C 138/84)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: P. Pradal, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-għoti tal-allowances ta' kuljum lir-rikorrent.

**Talbiet tar-rikorrent**

- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Novembru 2011 b'risposta għall-ilment tar-rikorrent kontra d-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) li rrif-jutat lir-rikorrent l-għoti tal-allowance ta' kuljum wara d-dħul tagħha fis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2011;
- jannulla l-għoti ta' allowances ta' kuljum lir-rikorrent, kif previst fl-Artikolu 71 tar-Regolamenti tal-Persunal, fl-Artikolu 10(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, u fl-Artikoli 25 u 92 tal-Kondizzjonijiet tal-impieg;

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-30/12)

(2012/C 138/85)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/204/10 li r-rikorrent ma jiġix ammexx għall-istadju segwenti tal-kompetizzjoni

**Talbiet tar-rikorrenti**

- Jannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/204/10 tat-13 ta' April 2011 li tikkon-ċċera lir-rikorrenti;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-32/12)

(2012/C 138/86)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Annnullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li ma tirimborsax kwart tal-ispejjeż, sostnuti mir-rikorrent fil-kuntest tal-kawża F-56/09, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, li għalih il-konvenuta ġiet ikkundannata bis-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011.

**Talbiet tar-rikorrent**

- jannulla d-deċiżjoni, li toriġina jew li fi kwalunkwe każ hija attribwbibli għall-Kummissjoni, ta' ċaħda, kemm jekk hija ċaħda ta' kwalunkwe forma kif ukoll jekk hija ċaħda parzjali jew totali, tat-talbiet tiegħu li saru fit-talba tal-4 ta' Jannar 2011;
- *quatenus oportet*, jannulla d-deċiżjoni, fi kwalunkwe forma, ta' ċaħda tal-ilment tal-20 ta' Lulju 2011, imressqa mill-attur kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba tal-4 ta' Jannar 2011;
- *quatenus oportet*, jikkonstata li l-Kummissjoni, anki billi naqset milli tieħu pożizzjoni fuq it-talba tal-4 ta' Jannar 2011, illegalment naqset milli tadotta miżuri li jeżegwixxu s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-9 ta' Ġunju 2010, fil-Kawża F-56/09, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, u preċiżament tal-punt 4 tad-dispożittiv tal-istess sentenza;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 3 174,87, liema somma, jekk u sa fejn ma titħallasx lir-rikorrent, ser tipproduċi interassi favur ir-rikorrent, sa mhux iktar minn 10 % fis-sena u b'kapitalizzazzjoni annwali, li jibdew jiddekorru minn għada sal-ġurnata li fiha jséhh l-imsemmi ħlas;

- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 10 kull ġurnata għal kull ġurnata addizzjonali, minn għada, *et ad infinitum*, li tiskadi fil-persistenza tal-astensjoni min-naħħa tal-Kummissjoni li tħallas lir-rikorrent l-imsemmija somma ta' EUR 3 174,87, jew għall-inqas tieħu pożizzjoni espressa fuq it-talba tal-4 ta' Jannar 2011, liema somma ta' EUR 10 għandha titħallas sal-iskadenza tal-istess ġurnata, u jekk dan ma jseħħx, jiġifieri sa fejn dan ma jkunx hekk, ser tipproduċi interassi favur ir-rikorrent, sa mhux iktar minn 10 % fis-sena u b'kapitalizzazzjoni annwali, li jibdew jiddekorru mill-ġurnata ta' wara dik li fiha kellu jseħħ sa dik li fiha dan iseħħ;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2012 — ZZ vs ORECE**

(Kawża F-35/12)

(2012/C 138/87)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tar-Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjoni-jiet Elettroniċi

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annnullament tad-deċiżjoni li tiġi applikata klawżola medika ta' riżerva fir-rigward tar-rikorrent wara l-eżami mediku ta' qabel ir-reklu ta' sa minn meta beda fis-servizz u tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tar-rikorrent.

**Talbiet tar-rikorrent**

- jannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tar-rikorrent li sar kontra d-deċiżjoni li tiġi applikata fir-rigward tiegħu klawżola ta' riżerva medika sa minn meta daħal fis-servizz;
- safejn meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni li tiġi applikata fir-rigward tar-rikorrent klawżola ta' riżerva medika sa minn meta daħal fis-servizz;
- jikkundanna lill-ORECE għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Marzu 2012 — ZZ vs FRA**

(Kawża F-38/12)

(2012/C 138/88)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annnullament tad-deċiżjoni li ma jiġix imġedded il-kuntratt tar-rikorrenti u tad-deċiżjoni li din tal-aħħar tiġi ttrasferita fi ħdan dipartiment ieħor, kif ukoll talba għall-kumpens tad-danni morali u materjali mīgarrba.